MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 9 ta' Frar 2022**

**Kumpilazzjoni numru 55/22CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**

**Vs**

**Rosario Salvatore Sciuto**
**(KI:161207A)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Rosario Salvatore Sciuto** li ġie akkużat talli nhar is-7 ta' Frar 2022 għal-ħabta tas-18:00hrs ġewwa Express Fitness Club, Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Baħar:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti għad-detriment ta' Velkjo Becirbegovic u Aleksander Nenadovic u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema valur mhuwiex iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-ħin u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(f), 263(b), 267, 270, 279(a), 280 (1), u 281 (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Laqa' għandu jew xtara ħwejjeq misruqa, u cioe' diversi oġġetti misruqa għad-detriment ta' Velkjo Becirbegovic u Aleksander Nenadovic u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, li ġew meħuda b'qerq jew akkwista b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod

li jkun indaħal biex ibiegħhom u jmexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'dan il-każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija għar-reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq tordna lil ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnhu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qliegħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti be/jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti l-ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ivverbalizzat illi t-tieni imputazzjoni ġiet mogħtija bħala alternattiva għall-ewwel waħda;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati b'dana illi din il-Qorti se ssib ħtija biss fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni stante li t-tieni imputazzjoni ġiet mogħtija bħala alternattiva għall-imputazzjoni tas-serq aggravat.

Illi dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta il-ħtija tiegħu u li l-maġġoranza tar-*res furtiva* ġiet ritornata.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' priġunerija sospiża.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261 (c) u (f), 263(b), 267, 270, 279 (a), 280 (1), u 281 (b) tal-Kodiċi Kriminali fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Rosario Salvatore Sciuto** ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għal sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal sentejn (2) mil-lum. Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din ġiet mogħtija lill-imputat bħala alternattiva tal-ewwel imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur